MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Numru 436/2002

**PULZIIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**VS**

**PIER BUTTIGIEG**

**Illum 27 ta' Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Pier Buttigieg ta’ 28 sena, bin David u Pauline nee’ Dingli, imwieled fil-Pieta’ fit-13 ta’ Apri, 1974 u li joqghod 33 Flat 2, Triq Marina Pieta’, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 195874 M;

Talli fil-bini tal-Qorti fil-Belt Valleta, fit-30 ta’ Mejju, 2002, ghall-habta tal-11.30 ta’ filghodu bi vjolenza jew b’theddid bil-hsieb li jgieghel lill-Ispetturi Geoffrey Azzopardi u Stephen Malli ufficjali

pubblici, li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Illi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka, jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispetturi Azzopardi u Malli persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-Ispetturi Azzopardi u Mallia, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliehomx jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li kienu qed jaghmlu skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Stephen

Mallia skond kif iccertifika it-tabib Roy Schembri Wismayer, MD, tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Geoffrey Azzopardi persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U finalment, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sar recediv, ai termini tal-artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 41, 49, 50, 94, 95, 96 u 221 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi Pier Buttigieg hati ta' kif akkuzat.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundannah ghall-hlas ta' mitt lira maltin (Lm100) multa, pagabbli fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------